## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)

## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**

**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, disgħa u għoxrin (29) ta' April 2025

Kawża Nru 677/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Matthew Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Matthew Vella**, iben Joseph u Victoria nee Vella, imwieled fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 1993 u residenti 'Jovic', Triq

ta' Mannar, Xagħra, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 9094(G) talli nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju 2022, għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (20:45hrs), ġewwa Santa Maria, Kemmuna:

(1) b'opra bin-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali 'S-22100' uża tali bastiment fejn dan il-bastiment ma kienx qed jesibixxi dawl ta' navigazzjoni wara nżul ix-xemx, u dan bi ksur tar-Regolament Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (COLREGs).[1]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont ir-Regolament 45 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 tapplika l-provvediment tar-Regolament 47(1) u tiskwalifika lil Matthew Vella milli jkollhu liċenzja għal żmien ta' tnax -il xahar mid-data ta' meta jkun instab ħati.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet id-deposizzjoni tal-akkużat li minn jeddu u b'mod volontarju ħa l-pedana tax-xhieda;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

[1] Regolament 23.

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju 2022 waqt ronda fil-bajja ta' Santa Marija, Kemmuna, uffiċjali tal-Awtorità għat-Trasport f' Malta wettqu spezzjoni fuq *jet ski* tal-għamla Kawasaki bin-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali "S 22100". Ġie osservat li l-*jet ski* kien mingħajr dwal tan-navigazzjoni wara nżul ix-xemx u allegatament dan sar bi ksur tar-Regolament 23 tar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar għat-Traffiku Marittimu (COLREGs). Matul l-ispezzjoni, l-uffiċjali vverifikaw l-identita' tas-sewwieq mad-dokument tal-identita' provdut. Is-sewwieq ġie identifikat bħala Matthew Vella, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9094G. Fuq talba ta' Transport Malta, il-Pulizija pproċediet sabiex toħroġ l-akkużi odjerni fil-konfront tal-istess Matthew Vella.

Fix-xhieda li l-akkużat ta quddiem din il-Qorti, huwa sostna li huwa kien twaqqaf mill-uffiċjali ta' Transport Malta fit-tmintax (18) ta' Ġunju 2022 u mhux fis-sbatax (17) ta' Ġunju kif indikat fl-akkuża. Sostna wkoll li huwa kien twaqqaf qabel it-tmienja u sittax -il minuta (20:16hrs). Bħala konferma ta' dan huwa ppreżenta numru ta' ritratti li jgħid li ittieħdu ftit wara li kienu telqu l-uffiċjali ta' Transport Malta minn ħdejh. Ritratt minnhom jinkludi d-dettalji dwar meta u x'ħin ittieħed dan ir-ritratt. Id-data indikata hija dik tat-tmintax (18) ta' Ġunju 2022 u l-ħin huwa t-tmienja u sittax -il minuta ta' filgħaxija (20:16hrs).

Ikkunsidrat:

Il-Qorti għalhekk hija rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti dwar l-akkadut. Min-naħa hemm il-verżjoni tal-uffiċjali ta' Transport Malta li qegħdin jindikaw id-data tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2022 bħala l-ġurnata li fih waqqfu lill-akkużat għaliex allegatament kien qed isuq il-jet ski wara nżul ix-xemx u dan il-jet ski ma kellux dwal tan-navigazzjoni. Min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni tal-akkużat fejn stqarr li huwa twaqqaf l-għada u ċioe fit-tmintax (18) ta' Ġunju 2022. Isostni wkoll li huwa kien twaqqaf qabel ma kienet niżlet ix-xemx u mhux wara.

Il-fatt li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bilfors tillibera. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-dsatax (19) ta' Mejju 1997: "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*". F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-disgħa (9) ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara**: jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-tnejn (2) ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża* ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgħa (9) ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *deċiża fid-dsatax (19) ta' Ottubru 2006)."*[2]

Dak li trid tagħmel għalhekk din il-Qorti huwa li tevalwa ż-żewġ verżjonijiet u tara tistax tattribwixxi kredibbilita' lil xi waħda miż-żewġ verżjonijiet mogħtija. Il-Qorti fliet fid-dettal l-atti u x-xhieda miġjuba. Għalkemm ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni huma koerenti bejniethom u jsostnu li huma waqqfu lill-akkużat fis-sbatax (17) ta' Ġunju 2022, min-naħa l-oħra hemm il-verżjoni ġuramentata tal-akkużat fejn qed jistqarr li huwa twaqqaf mill-uffiċjali ta'

---

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013), **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013) u **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Transport Malta fit-tmintax (18) ta' Ġunju 2022. Huwa jikkorrabora dan il-fatt b'ritratti meħuda minnu stess u li ġew preżentati minnu waqt id-deposizzjoni tiegħu. Il-Qorti kellha wkoll l-opportunita li tara dawn ir-ritratti hija stess b'mod dirett fuq il-mobile tal-akkużat minn fejn ikkonfermat id-data ta' meta ittieħdu dawn ir-ritratti kif wkoll il-ħin. Kif il-Qorti ivverbalizzat anke waqt li kien qed jixhed l-akkużat, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fil-mobile tal-akkużat li r-ritratti kienu ġew meħuda f'data oħra u li d-data tar-ritratt ġiet modifikata biex turi t-tmintax (18) ta' Ġunju 2022. Fl-istess deposizzjoni l-akkużat għamilha ċara li kien biss fit-tmintax (18) ta' Ġunju li huwa kien twaqqaf mill-uffiċjali ta' Transport Malta u li kien biss f'dik l-istess okkażżjoni li inġibditlu l-attenzjoni dwar il-fatt li la darba l-jet ski ma kellux dwal ma setax jinstaq wara inżul ix-xemx.

Il-Qorti ma innutatx xi element partikolari fl-atti li jpoġġi f'dubju dak li stqarr l-akkużat x'ħin huwa ta d-deposizzjoni tiegħu. Il-Qorti kellha wkoll l-opportunita li tara u tevalwa l-komportament tal-akkużat x'ħin hu kien qiegħed fuq il-pedana tax-xhieda. Huwa kien koerenti fil-verżjoni li ta u fl-ebda ħin ma ipprova jaħrab mill-mistoqsijiet li sarulu, inkluż wkoll mill-mistoqsijiet li sarulu tul il-kontro-eżami mill-uffiċjal Prosekutur. Għalhekk il-Qorti mhix fil-posizzjoni li teskludi l-verżjoni tal-akkużat u tattribwixxi kredibbilita unikament lil dak li xehdu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Jeżisti għalhekk dubju raġjonevoli dwar id-data ta' meta effettivament twaqqaf l-akkużat. Per konsegwenza il-Qorti hija kostretta li tillibera lill-akkużat mill-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Dan in vista tal-prinċipju li d-dubju għandu dejjem imur favur l-akkużat.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu</u>** u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deptuat Registratur**